# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Rikors Nru. 205/17JRM**

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 289/17 fl-ismijiet:

**OFFICE GROUP LIMITED** (C – 39197)

vs

**L-AWTORITA' TAL-IPPJANAR** u l-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-eżekutata Awtorita' tal-Ippjanar fis-7 ta' Marzu, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li (i) din il-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi għall-finijiet tal-artikoli 836(1)(f) u 837(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (ii) tikkundanna lill-kumpannija intimata eżekutanti tħallasha l-ogħla penali kif maħsub fl-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi, billi tqis li t-talba tal-eżekutanti għall-ħruġ tal-Mandat saret b'ħażen u hija fiergħa u vessatorja;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Marzu, 2017, li bih ordnat in-notifika lill-kumpannija intimata eżekutanti bi żmien għan-Nota bħala tweġiba għat-talbiet tal-Awtorita' eżekutata;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-kumpannija intimata eżekutanti fl-20 ta' Marzu, 2017, li biha u għar-raġunijiet hemm minnha msemmijin, b'mod preliminari, qalet li l-Awtorita' ma mxietx sewwa proċeduralment meta ressqet żewġ rikorsi bl-istess talba kontriha, u l-Qorti jmissha ma tqisux[1]. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li ma hemm l-ebda raġuni tajba fil-liġi għaliex it-talbiet tal-Awtorita' eżekutata jmisshom jintlaqgħu, u dan la dwar it-tħassir tal-Mandat u wisq anqas dwar il-kundanna għall-ħlas tal-penali;

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat li għalih jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Minbarra dan, l-Awtorita' rikorrenti eżekutata (minn issa 'l hemm imsejħa "AI") qiegħda titlob ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-kumpannija intimata eżekutanti (minn issa 'l hemm imsejħa "Office Group") biex tħallasha penali skond l-artikolu 836(8);

Illi mill-fatti ewlenin rilevanti għall-kwestjoni jirriżulta li fil-21 ta' Frar, 2017, Office Group talbet u kisbet il-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra AI (u wkoll kontra l-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi) għas-somma ta' sbatax-il elf mitejn u tmienja u ħamsin euro u tmintax-il ċenteżmu (€ 17,258.18) b'ħarsien ta' pretensjonijiet tagħha dwar "prezz ta' servizz ta' *photocopying* reż lill-intimati jew lil min minnhom, kif dettaljat fir-rikors ġuramentat fl-ismijiet premessi ppreżentat kontestwalment". Il-Mandat inħareġ lil ħames sekwestratarji, ilkoll banek lokali, dak inhar stess li ntalab il-ħruġ tiegħu. Kif ingħad fl-atti tal-Mandat, Office Group ħarġet l-imsemmi Mandat b'ħarsien ta' pretensjonijiet li hija għandha fil-konfront ta' AI u tal-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi f'kawża li hija fetħet dakinhar li ressqet il-Mandat[2];

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt ta' min iżomm quddiem għajnejh li, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-

[1] Fis-sewwa jirriżulta li l-Awtorita' eżekutata ressqet Rikors ieħor (Rik. Nru. 204/17JRM) li ċedietu fil-15 ta' Marzu, 2017
[2] Rik Nru. 166/17JRM imqiegħed għas-smigħ tal-25.5.2017

istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li mhuwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi l-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[3];

Illi f'dan il-każ AI tibni t-talbiet tagħha fuq żewġ (2) kawżali:

B) Li ma jistax jinħareġ Mandat kawtelatorju kontra l-Awtorita' tal-Ippjanar [Art. 837(2)]. AI issejjes l-argument tagħha taħt din il-kawżali billi tgħid li hija twettaq funzjoni pubblika u tħaddan kwalita' ta' awtorita' pubblika li għaliha jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 460 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, kif stabbilit għadd ta' drabi mill-Qrati Maltin. Minħabba f'hekk, tgħid li jgħodd għaliha l-artikolu 837(2) tal-istess Kodiċi li ma jagħtix li jistgħu jinħarġu mandati ta' qbid jew ta' sekwestru kontra l-Gvern ta' Malta;

Illi għal dan l-argument Office Group twieġeb billi tgħid li l-AI mhijiex il-Gvern u ma tistax tqis lilha nnifisha bħallikieku kienet ħaġa waħda mal-Gvern ta' Malta. Hija tisħaq li l-AI hija distinta mill-Gvern u li kieku l-leġislatur ried tabilħaqq li ma jħallix li jistgħu jinħarġu att kawtelatorji kontra AI, kien jagħmel hekk speċifikatament fil-liġi;

Illi l-Qorti ma taqbilx mal-argument ta' AI u tibda biex tgħid li, fil-liġi, il-kliem "il-Gvern ta' Malta" jħaddnu tifsira partikolari li tirreferi għall-Eżekuttiv. Min-naħa l-oħra, AI hija Awtorita' pubblika u, min-natura nnifisha ta' kull entita` bħal din, hija maħsuba li tkun distinta mill-Gvern, ukoll jekk, f'dan il-każ, hija l-mezz li jinqeda bih il-Gvern biex iwettaq id-dmirijiet tiegħu skond l-Att[4]. Il-Qorti tara li din id-distinzjoni toħroġ ukoll mid-dispożizzjonijiet infushom tal-liġi li, bis-saħħa tagħha, twaqqfet l-istess AI[5], li, twaqqfet "*biex tissuċċedi fil-funzjonijiet li qabel kienu assenjati lill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u sabiex taqdi u tissuċċedi fl-attiv, jeddijiet, passiv u obbligi*" ta' dik l-Awtorita'[6];

[3] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[4] Ara art. 8(1) tal-Kap 504) u art. 7(1) tal-Kap 552
[5] Ara, b'eżempju, l-artt 16(1) u 16(4) tal-Kap 552
[6] Art. 7(2)(a) tal-Kap 552

Illi fit-tieni lok, il-fatt li għal AI jistgħu jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jfissirx li AI hija l-Gvern, għaliex f'dik id-dispożizzjoni tal-liġi jissemmew ukoll entijiet oħrajn minbarra l-Gvern ta' Malta, li għalihom jgħodd il-privileġġ proċedurali maħsub f'dak l-artikolu tal-liġi;

Illi, fit-tielet lok, il-Qorti ssib li hija l-liġi speċjali li waqqfet lill-AI innifisha li tidher li twaqqa' l-argument tal-imsemmija Awtorita' dwar jekk jistgħu tabilħaqq jinħarġu atti kawtelatorji kontra tagħha. Dan jingħad għaliex dispożizzjonijiet partikolari tal-liġi jsemmu espressament f'liema ċirkostanzi ma jistgħux jinħarġu atti kawtelatorji kontra l-Awtorita'[7]: li kieku tassew, kif tallega AI, jgħoddu għaliha d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 837 tal-Kapitolu 12, ma kien ikun hemm l-ebda ħtieġa għal tali dispożizzjonijiet fil-liġi speċjali (liema dispożizzjonijiet kienu jinsabu wkoll fil-liġijiet speċjali li taħthom l-Awtorita' kienet imwaqqfa sa mill-1992[8]). B'dan wieħed jifhem li l-leġislatur ma kellux f'moħħu li għal AI jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 837 tal-Kap 12. Min-naħa l-oħra, ladarba l-liġi speċjali tillimita ċ-ċirkostanzi fejn ma jistgħux jintalbu atti kawtelatorji kontra AI, ifisser li f'ċirkostanzi oħrajn, dawk l-atti jistgħu jintalbu;

Illi l-Qorti tqis li ċ-ċirkostanzi li wasslu lil Office Group titlob il-ħruġ tal-Mandat kontra AI ma humiex ċirkostanzi li taħthom l-liġi speċjali żżomm milli jitressqu Mandati, u għalhekk ma tarax għaliex għandha ġġebbed ir-rieda tal-liġi biex twaqqaf il-jedd tal-eżekutanti biex tagħmel ħaġa bħal din;

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma ssibx li AI tatha raġuni tajba biex tordna t-tħassir tal-Mandat fuq din il-kawżali;

B) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> [Art. 836(1)(f)]. Jidher li din il-kawżali tinbena wkoll fuq dak li ssemma qabel minn AI;

Illi AI tgħid li mhux biss huwa l-każ li mhuwiex raġonevoli li l-Mandat mitlub minn Office Group jibqa' fis-seħħ, talli qatt ma kien raġonevoli li jinħareġ. Iżżid tgħid li, bħala Awtorita' pubblika ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li hija twettaq l-obbligi tagħha wkoll jekk it-talba ta' Office Group kellha tintlaqa' b'sentenza li tagħti din il-Qorti u li ma huwiex sewwa li l-Mandat jintuża biex iġib lill-allegat debitur għarkobbtejh;

---

[7] Ara art. 100(3) tal-Kap 552

[8] Ara art. 55A(3) tal-Kap 356 u l-art. 90(3) tal-Kap 504

Illi Office Group twarrab dawn l-argumenti u tisħaq li l-Mandat ma għandux jitħassar u li ma nbidel xejn mir-raġunijiet li kienu jiġġustifikaw il-ħruġ tiegħu sa mill-bidu nett;

Illi, tajjeb jew ħażin, minbarra dan biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li Office Group m'għandhiex jedd għall-ħlas fl-ammont minnha pretiż fil-Mandat, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[9]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimata eżekutanti;

Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[10]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;

Illi fil-każ tal-lum AI ma wrietx li seħħet xi bidla fiċ-ċirkostanzi minn dakinhar li Office Group talbet u kisbet il-ħruġ tal-Mandat. Din il-Qorti diġa' qieset li ma tilqax ir-raġuni li hija semmiet għaliex ma kellux jinħareġ il-Mandat. Għalhekk, ma jistax jingħad li, ladarba ma seħħet l-ebda bidla fiċ-ċirkostanzi, issa ma huwiex raġonevoli li l-istess Mandat jibqa' aktar fis-seħħ jew li hemm xi raġuni li twassal biex il-Mandat jitħassar kollu jew f'biċċa minnu;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li AI seħħilha tagħti raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar lanqas fuq din il-kawżali;

Illi AI titlob ukoll ir-rimedju tal-kundanna ta' Office Group għall-ħlas ta' penali. Il-Qorti sejra issa tipprovdi dwar din it-talba;

Illi <u>dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali</u>, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, <u>tista'</u> taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq

---

[9] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

[10] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***

talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[11]. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[12]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż;

Illi fil-każ tal-lum, AI ma tispeċifika l-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet fl-artikolu 836(8) li dwarhom temmen li din il-Qorti jmissha tikkundanna lil Office Group biex tħallas "l-ogħla penali". Hija ssemmi wkoll l-artikolu 836(9), imma hija ħaġa ċara li talba taħt dik id-dispożizzjoni tal-liġi trid issir, jekk ikun il-każ, b'azzjoni għaliha u mhux bħala proċedura marbuta ma' talba għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju;

Illi l-Qorti sejra tqis it-talba ta' AI taħt l-erba' ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12;

Illi ma hemm l-ebda dubju li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(8)(a) ma jgħoddux għall-każ, għaliex Office Group fetħet il-kawża flimkien u dakinhar li ressqet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi dwar it-tieni ċirkostanza maħsuba fl-artikolu 836(8)(b), il-liġi trid li qabel ma jinħareġ Mandat (u sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ċari ta' urġenza) l-eżekutant jitlob lid-debitur tiegħu fi żmien ħmistax-il jum, biex iħallsu d-dejn li għandu miegħu. Daqstant ieħor trid li, wara li jkun inħareġ il-Mandat, l-eżekutat jitlob lill-eżekutant biex ineħħi l-Mandat u dan tal-aħħar jonqos li jagħti raġuni tajba biex ma iżomm dak il-Mandat fis-seħħ;

Illi t-talba li ssemmi l-liġi ma tridx tkun tabilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali[13], u biżżejjed tkun waħda verbali. Fil-każ tal-lum, AI ma wrietx kif il-Qorti tista' tasal biex timponi l-penali fuq Office Group taħt din ir-raġuni. Minbarra li ma ssemmix x'inhi r-raġuni, ħareġ ċar li Office Group kienet talbet il-ħlas b'ittra uffiċjali u wissiet lil AI

[11] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
[12] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***
[13] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Rapa vs Sammut*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.142**)

(u lill-Awtorita' intimata l-oħra) li sejra tmexxi bil-Qorti "jekk hemm bżonn, bil-ħruġ tal-Mandat opportuni"[14]. Hekk għamlet tabilħaqq għaliex il-Mandat talbet il-ħruġ tiegħu kontestwalment mal-ftuħ tal-kawża, li tikkostitwixxi l-interpellanza l-aktar uffiċjali possibbli tal-pretensjonijiet tal-eżekutanti. AI kienet wieġbet ukoll għall-imsemmija interpellazzjoni ġudizzjarja[15];

Illi dwar it-tielet ċirkostanza, il-Qorti tqis li AI toqgħod biss fuq id-dikjarazzjoni tagħha li hija Awtorita' pubblika u li minħabba f'hekk ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li hija tkun f'qagħda li twettaq l-obbligi tagħha li kieku l-Qorti fil-kawża fil-mertu kellha ssib li hija għandha tħallas lil Office Group għas-servizzi mogħtijin;

Illi dwar din iċ-ċirkostanza, Office Group tirribatti billi tgħid li AI għadha kemm twaqqfet ftit tax-xhur ilu. Minbarra dan, iżżid tgħid li mhux l-ewwel darba li Awtorita' pubblika tkun kundannata b'sentenza biex twettaq ħlas u tkaxkar saqajha biex tagħmel dan;

Illi l-Qorti tqis li AI ma ressqet l-ebda provi jew argumenti li minnhom Office Group kellha għaliex tifhem li ma kellu jkollha l-ebda dubju raġonevoli dwar il-likwidita' tal-istess Awtorita' eżekutata. Għall-finijiet ta' din il-kawżali, il-liġi trid mhux biss li l-parti li kontra tagħha jinħareġ il-Mandat turi li ċ-ċirkostanzi tagħha kienu hekk li ma jagħtux lok għal dubju raġonevoli dwar il-likwidita' tagħha u l-ħila tagħha finanzjarja li tħallas it-talbiet tal-kreditur, iżda trid turi wkoll li dik il-qagħda tagħha kienet magħrufa sew. L-atti tar-rikors juru li AI ma għamlet xejn minn dan kollu;

Illi dwar ir-raba' ċirkostanza, AI tibniha fuq l-allegazzjoni li Office Group talbet il-ħruġ tal-Mandat b'ħażen u b'mod fieragħ. F'dan ir-rigward, il-liġi titlob li l-persuna eżekutata bi ħruġ ta' Mandat turi b'raġuni u b'mod tajjeb biżżejjed li l-parti eżekutanti kienet imxiet b'ħażen jew b'mod fieragħ u vessatorju fil-ħruġ tal-Mandat. Waħda minn dawn it-tliet raġunijiet tkun biżżejjed, imma l-prova ta' mqar waħda minnhom trid issir minn min jallega li l-Mandat ikun inħareġ kontrih b'mod ħażin jew għal raġunijiet ċensurabbli bis-sanzjoni tal-kundanna għall-ħlas ta' penali;

Illi huwa minn ewl id-dinja li min jippretendi li għandu jitħallas jinqeda bil-mezzi li tagħtih il-liġi ħalli jiżgura dak il-ħlas. B'daqshekk ma jfissirx li jkun mexa bi frodi, b'mod fieragħ jew b'abbuż tal-proċess ġudizzjarju;

[14] I.U. 3663/16 tat-8.11.2016
[15] I.U. 3835/16 tat-23.11.2016

Illi l-Qorti ma ssibx li, f'dan il-qafas, jeżistu l-elementi biex tasal għall-fehma li t-talba għall-kundanna tal-penali hija mistħoqqa taħt il-kawżali msemmija. Il-Qorti qieset li diġa' ntwera li ma jeżistux ir-raġunijiet għat-tħassir tal-Mandat u li l-intimat eżekutanti kellu u għad għandu raġunijiet tajbin biżżejjed biex jitlob il-ħruġ tal-Mandat. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandat inħareġ b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li jdejjaq lir-rikorrenti eżekutata;

Illi għalhekk il-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq, tasal għall-fehma li ma jirriżultawx iċ-ċirkostanzi għall-impożizzjoni tal-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[16]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[17];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar it-talbiet ta' AI billi:

**Tiċħad it-talbiet** tagħha, għaliex mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-**ispejjeż** kontra l-istess Awtorita' rikorrenti eżekutata.

Mogħti kameralment illum, 6 ta' April, 2017.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

Komunika: Dr. Ian Borġ LL.D. – għar-rikorrenti eżekutata
Dr. Victoria Cuschieri LL.D. – għall-intimata eżekutanti

(Kopja għan-notifika tal-partijiet)

---

[16] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[17] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)